# Jitwaqqaf il-fond għal solidarjetà volontarja

## L-Arċidjoċesi ta' Malta bl-ewwel kontribuzzjoni b'risq dan il-fond

Twaqqaf uffiċjalment fond għal solidarjetà volontarja (Voluntary Solidarity Fund – VSF) bl-Arċidjoċesi ta' Malta tkun l-ewwel kontributur biex din l-inizjattiva tibda titħaddem.

L-għan ta' dan il-fond, li twaqqaf wara ħidma li saret fi ħdan il-Fondazzjoni Pontifiċja Centesimus Annus, hu li jgħin lil dawk il-persuni li qegħdin f'riskju li jaqgħu lura biex jegħlbu l-isfidi tagħhom billi jsiru iktar produttivi. Dan jista' jsir ukoll b'sostenn mogħti mill-VSF lil dawk li jixtiequ jibdew in-negozju tagħhom iżda m'għandhomx il-kapital u r-riżorsi inizjali. B'hekk dawn il-persuni jgħixu ħajja aktar dinjituża u jikkontribwixxu għall-ġid komuni tas-soċjetà.



Josef Bonnici, eks Gvernatur tal-Bank Ċentrali u chairman tal-Malta Development Bank kif ukoll Chairperson tal-Voluntary Solidarity Fund (VSF), l-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi, u Mario Galea, teżorier tal-fond, waqt il-konferenza tal-aħbarijiet fil-Kurja tal-Arċisqof. (Ritratt: Martin Agius)

Dan tħabbar ilbieraħ waqt konferenza tal-aħbarijiet fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana, indirizzata mill-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi u mill-Professur Josef Bonnici, eks Gvernatur tal-Bank Ċentrali u chairman tal-Malta Development Bank, kif ukoll chairperson tal-Voluntary Solidarity Fund (VSF), u minn Mario Galea, teżorier.

L-Isqof Galea-Curmi rringrazzja lill-membri tal-Fondazzjoni Centesimus Annus Pro Pontifice u faħħar din l-inizjattiva mnebbħa mill-appell tal-Papa Franġisku biex jitpoġġa fil-prattika l-prinċipju tas-solidarjetà u l-ġid komuni. L-Isqof Galea-Curmi qal li l-Arċidjoċesi ta' Malta ser tagħti l-ewwel għotja ta' €5,000 b'risq il-VSF. Spjega li l-ħidma ta' dan il-fond se tikkumplimenta u mhux tieħu post inizjattivi oħra ta' karità eżistenti.

Il-Prof. Josef Bonnici qal li l-fond għal solidarjetà volontarja se jħeġġeġ kumpaniji, negozjanti u persuni li jaqilgħu iktar minn dak li hu neċessarju għal ħajja komda, biex jikkontribwixxu b'mod volontarju għal dan il-fond. Dan bil-għan li l-VSF Malta, li hi għaqda mhux governattiva, tkun tista' tgħin billi tipprovdi mezz kif persuni jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Fil-fatt, il-missjoni tal-VSF hi: "Ikun ferm aħjar jekk lill-persuna tgħallimha tistad milli tagħtiha ħuta biex tikolha".

Fil-każ ta' sostenn mill-VSF lill-intraprendituri l-ġodda, ġaladarba n-negozju tagħhom ikun sejjer tajjeb, dawn iħallsu lura l-kapital misluf mill-VSF mingħajr interessi. Il-flus li jitħallsu jingħataw lill-persuni oħra li japplikaw għal din l-għajnuna biex b'hekk titħaddem sistema ta' 'revolving loans'.

Il-Prof. Bonnici qal li għal ħafna snin, fl-ekonomiji avvanzati madwar id-dinja kien hemm tendenza li jiġi preżunt li kulħadd jibbenefika mit-tkabbir ekonomiku. Però, sfortunatament, illum għandna realtà differenti. Evidenza xjentifika turi li f'ħafna pajjiżi l-ġid qed jiġi mqassam b'mod inqas ekwu b'riżultat li saff dejjem ikbar tas-soċjetà f'pajjiżi żviluppati qed jaqgħu lura; qed iseħħ dak li jissejjaħ 'socio-economic decay'.

L-evidenza turi wkoll li tqassim inekwu tal-ġid jikkawża problemi soċjali.

Ġie spjegat ukoll li dan iqajjem mistoqsija personali kruċjali: bħala individwi li ninsabu f'sitwazzjoni finanzjarja komda x'qegħdin nagħmlu meta affaċċjati b'dawn ir-realtajiet li jseħħu madwarna? Jista' jkun li t-talenti li għandna qegħdin nidfnuhom minflok nużawhom biex nagħmlu differenza ma' ħutna filbżonn li forsi għandhom inqas talenti minna?

Il-fond għal solidarjetà volontarja f'Malta se jitħaddem minn bord ta' amministraturi ffurmat mill-Prof. Josef Bonnici, Mario Galea u Michael Pace Ross, Segretarju Amministrattiv tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

Il-VSF Malta jifforma parti mill-VSF International li twaqqaf fl-Ingilterra fl-2017.

# Melita tħabbar li se tespandi fl-Italja

Melita Italia Srl., sussidjarja ta' Melita Limited, operatur tat-telekomunikazzjoni *quad play* ibbażata f'Malta, se tibda tipprovdi servizzi ta' *gigabit internet* fl-Italja minn April li ġej.

Immexxija minn Riccardo Ruggiero, li kien Kap Eżekuttiv ta' Telecom Italia, Melita Italia se tuża n-netwerk tal-Open Fiber fl-Italja biex għall-ewwel fażi tipprovdi servizzi f'Katanja, Palermo, Milan u Napli.

Sa l-aħħar tal-2021, il-kumpanija qed tippjana li tespandi s-servizzi lejn iżjed minn 30 belt u 3,000 punt tal-bejgħ. Se jinħolqu ukoll 100 impjieg ġdid, li l-biċċa l-kbira minnhom se jkunu bbażati fin-Nofsinhar tal-Italja.



(Mix-xellug) Il-Kap Eżekuttiv tal-Melita Harald Roesch flimkien mal-President Eżekuttiv ta' Melita Italia Srl., Riccardo Ruggiero u l-Kap Operattiv Guglielmo Guerra

Sa mill-bidu nett, din il-kumpanija l-ġdida se tkun qed twassal innovazzjoni lill-klijenti tal-*internet* fl-Italja, kemm f' dak li hu *customer care* kif ukoll rigward il-prodott.

Wara t-tnedija Ewropea tas-servizz tal-WiFi għad-dar blisem ta' Plume li saret mill-Melita f'Malta fl-2018, il-klijenti ta' Melita Italia se jsiru t-tieni grupp fl-Ewropa li se jibbenefikaw mill-pakkett ta' servizzi Plume.

Dan jipprovdi aċċess għal servizz tal-internet personalizzat fid-dar. Is-sħubija fi Plume tinkludi Adaptive WiFi, HomePass b'aċċess għal min ikun qed iżur dik id-dar, kontrolli aktar avvanzati lill-ġenituri, kif ukoll l-*app* u s-SuperPods ta' Plume. Dawn kollha flimkien jitgħallmu u jadattaw skont il-ħtiġiet ta' dik id-dar biex b'hekk jagħmlu l-WiFi aktar veloċi, aktar sigur u aktar affidabbli.

Harald Roesch, Kap Eżekuttiv ta' Melita Limited, qal li dan hu kapitlu importanti għal Melita, "negozju li wara li żviluppajnieh f'Malta issa qiegħed jespandi fi swieq ġodda.

Filwaqt li n-negozju ewlieni tagħna se jibqa' hawn Malta, l-Italja qed toffrilna opportunità eċċellenti ta' tkabbir hekk kif miljuni ta' djar jiksbu aċċess għall-Open Fiber network. Bil-ħiliet tat-tim tagħna f'Malta – fejn aħna minn ta' quddiem fl-innovazzjoni tas-servizzi tal-internet – kif ukoll bl-esperjenza li Riccardo u t-tim tiegħu għandhom tas-suq Taljan, il-futur tal-Melita f'Malta u fl-Italja hu wieħed tajjeb ħafna."

Riccardo Ruggiero, President Eżekuttiv ta' Melita Italia, qal li Melita għandha opportunità kbira biex tikber fl-Italja. Dan hekk kif in-netwerk tal-internet tas-*super fast fibre* tal-Italja jidħol f'fażi ta' tkabbir mgħaġġel. "Flimkien mal-Open Fiber, ninsab ħerqan ħafna għal din l-isfida ġdida u interessanti."